MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 3/2001/1

**Pauline Manche`**

vs

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors tal-Appell imressaq fl-10 ta’ Mejju, 2001, minn Pauline Manche’ li bih hija talbet it-tħassir tad-deċiżjoni (Numru 91/01) tal-Arbitru maħtur taħt is-setgħat tal-Att XI tal-1987 fit-23 ta’ Marzu, 2001, u li biha, filwaqt li ikkonferma deċiżjoni tad-Dipartiment tas-Sigurta’ Soċjali tal-14 ta’ Ġunju, 2000, fis-sens li hija ma kinitx għadha intitolata iżjed li tirċievi assistenza soċjali billi ma kinitx għadha “kap tal-familja”, ordnalha tħallas lura kull assistenza li hija kienet tħallset żejjed;

Rat it-Tweġiba mressqa fid-19 t'April, 2001, mill-appellat Direttur tas-Sigurta' Soċjali, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija qal li l-appell m'għandux jintlaqa';

Rat id-degriet tagħha mogħti waqt is-smigħ tal-24 t'April, 2002, li bih ordnat li kopja tal-atti tal-proċedimenti quddiem l-Arbitru tiġi mressqa fl-atti tal-appell;

Rat in-Nota mressqa fl-10 ta' Ġunju, 2002, mehmuż ma' liema hemm kopja tal-inkartament tal-proċeduri quddiem l-Arbitru[1];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

**Ikkunsidrat:**

Illi d-deċiżjoni appellata tgħid hekk;

"Dan l-appell jghid hekk:-

*"Illi l-appellanti kienet ticevi assistenza socjali fl-ammont ta Lm87 fix-xahar, liema ammont jirraprezenta parti minn somma akbar stante li l-esponenti kellha tirrifondi somma lill-istess Dipartiment.*

*Illi l-appellanti giet notifikata permezz ta' ittra ta' l-14 ta' Gunju 2000 (Dok.A) li m'ghadhiex aktar intitolata ghal din l-Assistenza "ghaliex m'hiex kap tal-Familja".*

*Illi b'ittra ohra ta' l-1 ta' Lulju 2000 l-esponenti irceviet cheque ta' l-allowance supplimentari.*

*Illi l-esponenti mghandhiex mezzi biex tghix u lanqas kapacita` ghax-xoghol.*

[1] Paġġ. 13 sa 35 tal-proċess

*Illi fil-fatt l-esponenti baghtiet minn arrest cardiaku oltre asthma u tista' tipproduci certifikati rigward is-sahha taghha;*

*Illi ma hemm ebda raguni valida skond il-Ligi ghaliex l-espnenti m'ghandhiex titqies li hi Kap tal-Familja u b'hekk m'ghandhiex tigi mcahhda mill-allowance li kienet qed tircievi.*

*Illi ghalhekk qed isir dan l-appell fuq bazi ta' punt legali jew 'principle of importance' kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni u mic-cirkostanzi kollha ta dan il-kaz."*

Risposta tad-Direttur:-

*"1. Illi Pauline Manche` kienet ilha tircevi l-Ghajnuna Socjali sa mit-3 ta Lulju 1992, ghaliha u ghal uliedha, peress li r-ragel ma kienx imantniha u ma kellhiex mezzi.*

*2. Illi minn certifikat mediku datat 17/2/2000 mibghut fil-file ta' l-Ghajnuna Medika f' isem Frankie Zammit (TA/303638M) irrizulta li Pauline Manche` u bintha Tracey kienu jghixu ma' dan Frankie Zammit.*

*3. Illi meta ntalbet tiddikjara kemm ilha tghix ma' Frankie Zammit, l-appellanti ddikjarat bil-gurament illi hi kienet ilha tghix mighu sa minn hames snin ilu.*

*4. Illi ghalhekk, id-Direttur waqqaf, hareg id-decizjoni negattiva tieghu fid-9 ta' Gunju 2000 (kopja mehmuza) u talab lill-appellanti tirrifondi l-Ghajnuna Socjali mhallsa lilha mill-14 ta' Jannar 1995 sat-30 ta' Gunju 2000."*

Provi.

Xhieda ta' l-appellanti:-

*"Jiena ilni 15-il sena separata u zewgi qatt ma tani manteniment. Minbarra l-Ghajnuna Socjali li kont nircevi sa Lulju li ghadda, ma ghandi l-ebda dhul. Ghalkemm jiena kont u ghadni nghix ma' Frankie Zammit fil-fatt jiena ma nghix mieghu bhala ragel u mara u lanqas ma jaghtini*

*manteniment. Nispjega illi fil-fatt illi lanqas li kieku jrid ma jista' ghaliex huwa pensjonant u mill-istess pensjoni qed titnaqqaslu arretrati ta' bollol.*

*Jiena nikkonsidra lili nnifsi bhala kap tal-familja tighei ghaliex Frankie Zammit jghix ghalih.*

*Kontro-Ezami*

*F'din id-dar jiena nghix fuq u hu isfel u f'kull sular hemm in-necessitajiet kollha necessarji bhal kcina u toilet. Id-dar hija kera fuq ismi u mistoqsija ghaliex Dr. Brian Farrugia f' certifikat tas-17 ta' Frar 2000 mahrug lil Frankie Zammit indika lili u lil binti bhala "2 other members in the household" nispjega li t-tabib kien indikalna li peress li konna qed nghixu fl-istess dar kien hemm dejjem ir-riskju li nittiehdu mit-T.B."*

Affidavit ta Frank Zammit.

*"Jiena ghamilt zmien nghix il-Kanada, u gejt lura Malta fl-1986. Fl-1996 jiena mort nabita fir-residenza ta Pauline Manche` li kienet habiba tieghi. Jiena ma kontx nahdem u ma kelliex fejn noqghod u Pauline Manche` offrietli li nabita fir-residenza taghha, bil-patt illi jiena nghix fis-sular ta' isfel tad-dar, u li jiena nfendi ghar-rasi f'dak li ghandhom x'jaqsmu l-ispejjez u affarijiet ohra.*

*Fil-fatt minn dak iz-zmien 'l hawn dejjem hekk ghamilna, jiena ghixt isfel u Pauline Manche` flimkien mal-familja taghha ghexet fis-sular ta' fuq.*

*Billi fis-sular ta' isfel m'hemmx bizzejjed spazju, fejn wiehed jista' jzomm gwardarobba, il-hwejjeg tieghi jinsabu fis-sular ta' fuq.*

*Jiena ili napplika ma' l-Awtoritajiet koncernati biex ninghata residenza, izda sal-gurnata tal-lum jiena ghadni ma nghatajtx residenza. Li kieku ma kienx ghal Pauline Manche` jiena m'ghandhiex saqaf fuq rasi, u m'ghandiex fejn norqod. Bil-pensjoni tieghi, jiena ma naffordjax inhallas il-kirjiet li jintalbu llum.*

*Jiena qatt ma immaginajt li bdan l-arrangament kienet ser tinholoq problema lil Pauline. Kieku kont naf, qatt ma kont napplika biex naqleb l-indirizz fuq l-Identity Card fuq dan l-istess indirizz. Oltre dan peress illi d-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali johrog cheques lili u ohrajn lil Pauline Manche`, u dawn jintbaghtu fl-istess indirizz, ma immaginajtx li ser tinholoq problema.*

*Meta jiena kont kellimt lit-Tabibi Brian Farrugia, li ma jafx x'inhi l-pozizzjoni tieghi peress illi dan m'huwiex it-tabib personali tieghi, dan kien staqsieni jekk kienx hemm nies ohra jabitaw fil-fond fejn nabita jien, u jiena tajtu l-ismijiet ta' Pauline Manche` u l-familja taghha. Ma' dan it-tabib qatt ma tkellimt fuq l-arrangament li jien ghandi ma' Pauline Manche`, peress illi dan ma kienx jikkoncerna il-kwistjoni li ghaliha mort ghand dan it-tabib.*

*Jiena u Pauline Manche` qatt ma ghexna bhala familja jew sahansitra bhala mizzewgin. Jiena qatt ma mantnejt lil Pauline Manche`, u m'iniex f'pozizzjoni finanzjarja li mmantni lil Pauline Manche`. Pauline Manche` lili qatt ma mantnieni. Qatt ma kellna relazzjonijiet izjed minn dawk ta' hbiberija li wasslu lil Pauline Manche li toffili saqaf fuq rasi."*

Kontro-Ezami ta' Frank Zammit.

*"Madwar hames jew sitt snin jiena mort noqghod fil-fond Nru. 8, Triq 23 ta' Lulju 1942 iz-Zurrieq. Jiena mort noqghod f' dan il-post peress li jiena ragel marid u ma sibtx ghajnuna mill-familjari tieghi u ghalhekk bdejt nircevi din l-ghajnuna minghand l-appellant. Jien m' ghandi l-ebda relazzjoni ma' l-appellanti hlief li ahna hbieb u ghalkemm nuzaw l-istess facilitajiet li toffri d-dar, jiena ghandi l-affarijiet ghalija u hi ghaliha."*

Affidavit ta' Tracey Caruana.

*"Frank Zammit ilu jghix fir-residenza ta ommi Pauline Manche` mill-1996. Frank Zammit ghandu sodda isfel u*

*jorqod hemmhekk. Jiena u ommi norqdu fil-kmamar ta' fuq tad-dar.*

*Lil Frank Zammit nafu bhala habib ta ommi, li ommi ghenet peress li m'ghandux fejn joqghod. Frank Zammit lili qatt ma mantnieni, u sa fejn nista' nghid jiena, ommi u Frank Zammit u jiena ma nghixux bhala familja. Frank Zammit u ommi lanqas ma jghixu bhala mizzewgin, u sa fejn naf jiena, Frank Zammit u ommi ma jmantnux lil xulxin, u kulhadd ifendi ghal rasu."*

Kontro-Ezami ta Tracey Caruana

*"Jiena nikkonferma illi Frank Zammit beda jabita fid-dar fejn noqghod jiena m'ommi fl-1996."*

Rapport ta' l-ispetturi tad-Dipartiment Ian Napier u George Cremona datat 18 ta' Ottubru 2000 ai termini tad-digriet ta' l-Arbitru tat-18 ta' Settembru 2000:-

*"Called at the above address. Door was opened for us by Mr. Frank Zammit. We identified ourselves and asked Mr. Zammit to let us in. Mr. Zammit stated that he lived downstairs while Mrs. Manche` and her daughter Tracey lived upstairs. The ground floor is composed of a hall, stairwell leading to the first floor, a kitchen dining and a bathroom. Mr. Zammit opened a curtain to reveal a mattress under the stairs. He stated that he sleeps there.*

*We were then taken to inspect the first floor which is composed of one main bedroom with a double bed, a landing leading to another bedroom which adjoins a small room that houses a toilet.*

*After seeing that the house lacks a second kitchen and bedroom, Mr. Zammit stated that they all make use of the facilities at first floor.*

*Since there was no wardrobe or clothes on the ground floor, Mr. Zammit told us that he keeps his clothes in the wardrobe situated in the double bedroom.*

*Mr. Zammit stated that since he was not provided with a housing unit by the authority, Ms. Manche` took pity on him and offered him to take up residence with her. From our records it transpires that Ms. Manche` has been living at the given address since April 1995 (Red. 32). Mr. Zammit told us that he has been living at "Peprina", 8, Triq 23rd July 1942, Zurrieq since Mr. Manche` moved there.*

*When Mr. Zammit noticed that our findings were going to have a negative impact to Ms. Manche's claim, he told us "allura intom qed tghidu li ahna pogguti". We explained to him that from what we have seen we cannot report that "Peprina", 8, Triq 23rd July 1942, Zurrieq, houses two households."*

Fit-trattazzjoni l-appellanti sostniet illi kieku l-appellanti ma hiex qed tieghu hsieb lil Frank Zammit kieku dan ta' l-ahhar huwa piz fuq is-socjeta`. Sostniet li hi u Zammit ma humiex qed jghixu bhala familja ghaliex skond hi mhux bizzejjed li wiehed jghix taht saqaf wiehed izda wiehed irid ikun qed imantni lill-iehor.

Min-naha tieghu d-Direttur issottometta illi ghal finijiet ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali huwa bizzejjed li tnejn ikunu qed jghixu flimkien taht l-istess saqaf u li f'cirkostanzi simili huwa r-ragel li jigi meqjus bhala l-kap tal-familja.

Konsiderazzjonijiet.

L-Artikolu 30 ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali jipprovdi illi l-Ghajnuna Socjali hija dovuta lill-kap tal-familja.

L-Artikolu 2 ta' l-istess Att jiddefenixxi "kap tal-familja" bhala "dwar familja li tkun ta' zewg persuni jew izjed tfisser dik il-persuna li, fl-opinjoni tad-Direttur, tkun kap tal-familja."

L-istess Artikolu jiddefenixxu familja hekk:-

*"tfisser persuna wahda li fl-opinjoni tad-Direttur tkun tabita wahedha jew zewg persuni jew izjed li fl-opinjoni tad-Direttur ikunu jabitaw flimkien bhala familja:"*

L-appellanti issostni li ma ghandha l-ebda relazzjoni ma' Frank Zammit u li m'ghandhomx jigu kkunsidrati li qed jikkoabitaw bhala ragel u mara.

Il-ligi pero` ma tghidx jghixu flimkien bhala ragel u mara izda bhala familja. Il-punt li jrid jigi ghalhekk deciz huwa meta tnejn min-nies li ghixu taht saqaf wiehed jistghu jigu kkunsidrati li qed jghixu flimkien bhala familja.

Fil-fehma ta' l-Arbitru r-relazzjoni intima o meno bejn l-appellanti u Zammit ma hiex rilevanti ghas-soluzzjoni ta' din il-vertenza. Sabiex tnejn min-nies jigu kkunsidrati li qed jghixu flimkien bhala familja huwa necessarju li jigi ezaminat il-mod ta' ghixien taghhom.

In kontro-ezami l-appellanti kienet qalet hekk:-

*"F'din id-dar jiena nghix fuq u hu isfel u f'kull sular hemm in-necessitajiet kollha necessarji bhal kcina u toilet."*

Mir-rapport ta' l-ispetturi tad-dipartiment pero` jirrizulta li s-sitwazzjoni hi differenti minn dik li ddeskriviet l-appellanti. Mhux minnu li f'kull sular hemm in-necessitajiet kollha. Mill-kumpless tal-provi migjuba jirrizulta li l-appellanti u Frank Zammit jghixu flimkien f'dar wahda u juzaw l-istess facilitajiet li toffri d-dar. L-appellanti ghamlet hafna emfasi li hija u Zammit ma jorqdux flimkien. Anke pero` jekk dan hu minnu mhux sufficjenti bex jigi konkluz li l-appellanti u Frank Zammit ma jghixux bhala familja.

Fil-fehma ta' l-Arbitru l-fatt li l-appellanti u Frank Zammit qeghdin jghixu fl-istess dar, juzaw l-istess facilitajiet li toffri d-dar u li l-appellanti tiehu hsieb il-bzonnijiet ta' kuljum ta' Frank Zammit huwa bizzejjed sabiex jigu kkunsidrati li qed jghixu bhala familja fil-fond numru 8, 23rd July 1942 Street, Zurrieq ai termini ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru jichad dan l-appell."

Illi l-appellant ħasset ruħha aggravata mill-imsemmija deċiżjoni għaliex temmen li l-Arbitru ma qiesx sewwa l-fatti u ċ-ċirkostanzi li wassluh biex jifhem li l-preżenza ta' ċertu Frankie Żammit fid-dar tal-appellanti kien jikkostitwixxi "familja" għall-finijiet tal-Att. Minbarra dan, hija tgħid li ngħatat tifsira ħażina wkoll ta' termini tal-Att li, minħabba fiha, ġiet imċaħħda mill-benefiċċju li hija intitolata għalih;

Illi l-appellanti talbet għalhekk li, fid-dawl tal-provi li tressqu, din il-Qorti tirrevoka d-deċiżjoni tal-Arbitru, tilqa' t-talbiet tagħha u tiċħad it-talba tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, bl-ispejjeż kontra d-Direttur appellat;

Illi, fit-Tweġiba tiegħu, l-appellat jisħaq li d-deċiżjoni tal-Arbitru hija mistħoqqa u tajba għaliex fiha tifsir tajjeb ta' dak li tgħid il-liġi u apprezzament xieraq tal-provi li tressqu quddiemu u li jsejsu d-deċiżjoni meħuda mid-Dipartiment;

Illi, mill-atti proċesswali jirriżultaw dawn il-fatti ewlenin. L-appellanti kienet ilha tingħata għajnuna soċjali sa minn Lulju tal-1992[2]. Fid-9 ta' Ġunju, 2000, d-Dipartiment bagħat jgħarraf lill-appellanti li ma kinitx għadha intitolata iżjed li tirċievi għajnuna soċjali[3]. L-appellanti ikkontestat l-imsemmija deċiżjoni billi ressqet appell lill-Arbitru b'ittra tat-28 ta' Ġunju, 2000[4]. Bejn id-data meta l-appellanti rċeviet l-avviż mid-Dipartiment, sa dak inhar li ressqet l-appell quddiem l-Arbitru, hija kienet iddikjarat b'ġurament li kien ilha tgħix ma' Frank Żammit għal madwar ħames (5) snin[5]. Kien inħareġ ċertifikat mediku fis-17 ta' Frar, 2000, minn Dr. Brian Farruġia, li kien jgħid li l-imsemmi Frank Żammit kien ibati mit-tuberkolożi, u li l-appellanti u bintha li kienu mfissra bħala "*other members in the household*" kienu esposti għar-riskju ta' kontaminazzjoni[6]. Min-naħa tiegħu, l-imsemmi Frank Żammit kien ressaq talba f'ismu lid-Direttur biex jingħata l-Għajnuna għall-Mard[7] u kif ukoll Għajnuna dwar it-Tuberkulożi[8]. Jidher li dik it-talba ntlaqgħet u, fil-mori ta' dan l-appell, inħarġet

[2] Paġ. 28 tal-proċess
[3] Paġ. 31 tal-proċess
[4] Paġġ. 34-5 tal-proċess
[5] Minuta numru 60, f'paġ. 30 tal-proċess
[6] Dokument f'paġġ. 29 tal-proċess
[7] Art. 20 tal-Kap 318
[8] Art. 22 tal-Kap 318

għajnuna soċjali lilu u lill-appellanti. Id-Direttur ressaq Tweġiba għall-appell ta' Pauline Manche' quddiem l-Arbitru. Fil-proċeduri quddiem l-Arbitru, l-appellanti xehdet taħt ġurament u sarilha l-kontro-eżami, u ressqet ukoll xhieda bl-affidavit ta' bintha Tracey u ta' Frank Żammit[9], li t-tnejn li huma sarilhom ukoll il-kontro-eżami. Saret spezzjoni fid-dar tal-appellanti minn żewġ spetturi dipartimentali fit-18 t'Ottubru, 2000[10]. Fit-23 ta' Marzu, 2001, l-arbitru ta d-deċiżjoni li minnha tressaq l-appell li għandha quddiemha din il-Qorti;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti huma marbutin mal-ilmenti mressqin mill-appellanti, fid-dawl tal-ġrajjiet fuq imsemmija, u tal-konklużjonijiet li wasal għalihom l-Arbitru fid-dawl tal-liġi. Dawn l-aggravji tal-appellanti huma ta' żewġ għamliet: hemm aggravji li jattakkaw l-applikazzjoni tal-liġi min-naħa tal-Arbitru, u hemm aggravji li jirreferu għall-fatti kif mifhuma minnu u riflessi fid-deċiżjoni tiegħu li minnha tressaq dan l-appell;

Illi **għar-rigward tal-ewwel għamla ta' aggravji**, l-appellanti tindika (a) tifsir ħażin min-naħa tal-Arbitru ta' x'tifhem il-liġi bil-kliem "dar", "familja" u "kap ta' familja". Hija tgħid li, minħabba f'dan, l-Arbitru wasal għal konklużjoni żbaljata. L-appellant tisħaq li t-tifsira ta' "dar" (*household*) m'hija ċara xejn fl-Att u jmissha titfisser kif hija applikata l-kelma "familja" fil-Kodiċi Ċivili, partikolarment fil-qafas ta' obbligi reċiproċi u jeddijiet imfissrin fl-Ewwel Ktieb ta' dak il-Kodiċi; (b) il-ħtieġa li jiġu applikati tifsiriet ta' kunċetti li jinstabu f'liġijiet oħrajn; u (ċ) il-ħsara mġarrba minnha b'kawża ta' diskriminazzjoni mnissla mill-applikazzjoni żbaljata tal-liġi fil-konfront tagħha;

Illi m'hemm l-ebda dubju li l-Att X tal-1987 huwa liġi speċjali meta mqabbel mal-Kodiċi Ċivili, u ma jkun qiegħed jingħad xejn ġdid li ċ-ċirkostanzi li jirregola l-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta huma sitwazzjonijiet partikolari u speċifiċi li mhux tabilfors isibu l-applikazzjoni

[9] Dokumenti f'paġġ. 20-2 tal-proċess
[10] Paġ. 25 tal-proċess

tagħhom fid-dispożizzjonijiet ġenerali ta' liġi bħalma huwa l-Kapitolu 16;

Illi l-mira ewlenija tal-appellanti f'dan il-każ hija dik li turi li hija għadha l-"kap tal-familja" (magħmula minnha u minn bintha) u li Żammit, għalkemm jgħix fid-dar mikrija lilha, jikkostitwixxi "familja" oħra u separata li tagħha huwa l-"kap". L-istess ħaġa jgħid Frank Żammit meta, fl-affidavit tiegħu[11], jinsisti li hu u l-appellanti "*qatt ma għexna bħala familja jew saħansitra bħala miżżewġin. Qatt ma kellna relazzjonijiet iżjed minn dawk ta' ħbiberija.*" B'dawn iż-żewġ fatturi, l-appellanti trid tenfasiżża li ladarba l-"familja" hija dik l-entita' li fi ħdanha jitnisslu obbligi reċiproċi, la ma kienx hemm dawn l-obbligi bejnha u Żammit, allura ma jistax jitqies li hi u hu jikkostitwixxu "familja" jew "dar" għall-finijiet tal-Att. Imma l-Qorti f'dan l-argument tara ntopp għaliex ma tistax tifhem kif l-appellanti trid li ssir tassew applikazzjoni tan-normi tal-Kodiċi Ċivili dwar il-kunċett ta' familja meta fl-istess nifs il-każ tagħha jistrieħ fuq l-asserzjoni li bejnha u Żammit m'hemm l-ebda rabta ta' familja. Fi kliem ieħor, ladarba l-kunċett ta' familja kif maħsub fil-Kodiċi Ċivili huwa eskluż, l-appellanti ta' xejn invokat l-applikazzjoni tiegħu, u jkollha, trid u ma tridx, terġa' lura għat-tifsiriet mogħtijin fl-Att;

Illi, mbagħad, wieħed irid jara jekk huwiex minnu li t-tifsiriet ta' "familja" u "kap tal-familja" li jinsabu fl-Att m'humiex ċari, kif tippretendi l-appellanti. Fl-ewwel lok irid jingħad li għalkemm l-appellanti tgħid (par 6B tar-Rikors promotur) li l-Att ma jagħtix tifsira ċara tal-kelma "dar", jidher li hija kienet qegħda tirreferi għall-kelma "familja", għaliex "dar" m'hija mfissra mkien speċifikatament f'dik il-liġi. Min-naħa l-oħra, it-tifsira ta' "familja"[12] hija waħda elaborata u, f'każ ta' benefiċċji partikolari hemm imsemmija, hemm il-possibilita' li iżjed minn persuna waħda li tgħammar fl-istess dar ma' ħaddieħor titqies bħala "familja" għaliha. L-Għajnuna li kienet tirċievi l-appellanti ma ntweriex li kienet waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi partikolari msemmija fit-tifsira. Mela, f'dan il-każ, l-opinjoni tad-Direttur dwar jekk l-appellanti u bintha u

[11] Paġ. 22 tal-proċess
[12] Art 2(1) tal-Kap 318

Żammit jitqisux bħala familja waħda hija kruċjali. Sakemm l-opinjoni tintwera li hija marbuta ma' fatti u ċirkostanzi rejali, m'għandux għalfejn isir stħarriġ dwar jekk dik il-fehma hijiex tajba jew le. B'żieda ma' dan, irid jingħad li l-Qrati tagħna wkoll kellhom okkażjoni jfissru kif għandu jiġi mifhum il-kunċett ta' "familja": u dan mhux biss fil-liġi in ġenerali[13], imma wkoll f'liġijiet speċjali[14], u b'mod partikolari taħt il-liġi dwar l-Assistenza Soċjali[15]. F'dawn id-deċiżjonijiet kollha, l-"familja" m'hijiex imliġġma bil-kundizzjoni *sine qua non* ta' żwieġ u lanqas ta' koabitazzjoni f'qafas ta' dak li llum jissejjaħ *common law marriage*, imma ta' konvivenża ta' żewġ persuni jew iżjed f'dar jew ambjent komuni b'attributi ta' qsim bejniethom ta' dak li jseħħ fil-ħajja tagħhom;

Illi dwar it-tifsira ta' "kap ta' familja", il-liġi hija skjetta u għal darb'oħra tħalli f'idejn id-Direttur biex iqis min, minn aktar minn persuna waħda li huwa jqis li jgħixu flimkien bħala "familja", huwa l-kap tagħha. L-appellanti issottomettiet li l-aġir tad-Direttur appellat li jqis lil Żammit bħala "kap" tal-familja tagħhom kien wieħed diskriminatorju għal raġuni ta' sess. Il-Qorti tqis li, mill-fatti li kellu quddiemu d-Direttur u l-Arbitru u li jagħmlu parti wkoll mill-atti proċesswali ta' dan l-appell, ma joħroġ minn imkien li l-għażla ta' min jitqies li hu "kap tal-familja" saret fuq bażi ta' sess. Għall-kuntrarju, hemm indikazzjonijiet li kien fuq dikjarazzjoni li għamel Frank Żammit fl-applikazzjoni tiegħu għall-Għajnuna li l-appellanti u bintha ġew indikati bħala membri tal-familja tiegħu. L-għażla tad-Direttur bħala "kap ta' familja" bejn iżjed minn persuna waħda ta' sess differenti li jgħixu flimkien, bilfors trid tkun għażla li taqa' fuq persuna waħda, u sakemm il-"familja" ma tkunx magħmula minn persuni tal-istess sess, bilfors se' jkun hemm persuna ta' sess ieħor li ma tiġix meqjusa bħala "kap" għall-finijiet tal-Att. B'daqshekk biss, ma tkunx saret diskriminazzjoni;

---

[13] Ara, per eżempju, P.A. RCP **1.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Stephen Healey vs Clyde Farruġia Vella et***

[14] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **25.3.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Palmier noe vs Biggerstaff*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.65**) u App. Inf. **2.12.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Aġius vs Aġius*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.336**) u s-sentenzi hemm imsemmija

[15] App. Ċiv. **21.11.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Rossignaud noe vs Xuereb*** (Kollez.Vol: **XLII.i.576**)

Illi, madankollu, il-konsiderazzjonijiet li wettaq l-Arbitru fid-deċiżjoni appellata ma jurux li dan b'xi kod approva xi aġir diskriminatorju tad-Direttur, jew li ta tifsira mgħawġa tal-kunċetti tad-dritt.  Lanqas ma jirriżulta lil din il-Qorti li d-deċiżjoni appellata hija msejsa fuq apprezzament żbaljat tal-oqsma legali li kienu jsawru l-każ tal-appellanti, u għalhekk il-Qorti ssib li l-aggravji tal-appellanti f'dan ir-rigward ma jistgħux jintlaqgħu;

Illi **għar-rigward tat-tieni għamla ta' aggravji mressqin mill-appellanti**, huwa prinċipju llum aċċettat[16] li, bħala regola, fi kwestjonijiet ta' apprezzament ta' provi jew fatti sottomessi, Qorti ta' reviżjoni ma twarrabx bla bżonn id-diskrezzjoni tal-ewwel ġudikant dwar dawk il-provi, u dan sakemm ma jkunx jidher fil-fehma tal-Qorti ta' reviżjoni li tali apprezzament ikun sejjer iġib inġustizzja fid-dieher lill-parti jew jekk id-diskrezzjoni tal-ewwel ġudikant tkun intużat ħażin[17].  Dan il-prinċipju jgħodd ukoll fejn l-apprezzament tal-provi jsir minn tribunal jew korp li huwa fdat b'liġi li jaġġudika[18];

Illi huwa mgħallem ukoll li, hekk kif Qorti ta' reviżjoni tasal għall-fehma li tkun qablet ma' kwestjoni ta' dritt kif enunċjata mit-tribunal jew korp tal-ewwel grad u ma jkun hemm l-ebda kwestjoni oħra ta' liġi involuta fis-sentenza appellata, il-Qorti ta' reviżjoni tieqaf hemm u ma tindaħalx fil-kwestjoni tal-fatti[19];

Illi huwa stabilit ukoll li għal dak li jirrigwarda kwestjoni ta' kemm provi għandhom jitwemmnu u dwar l-apprezzament tagħhom, il-kriterju distintiv m'huwiex dak jekk minn kellu jiġġudika emminx it-tifsira mogħtija, imma jekk tali tifsira hijiex possibbli jew plawsibbli[20];

Illi fid-dawl ta' dawn il-prinċipji kif applikabbli għall-każ, din il-Qorti jidhrilha li ma jista' bl-ebda mod jingħad li l-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Arbitru quddiem il-fatti

[16] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **10.2.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Magri et vs Borġ*** (Kollez. Vol: **XLV.i.47**)
[17] App. Inf. **2.12.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Aġius et vs Aġius*** (Kollez.Vol: **LXXVIII.ii.336**)
[18] App Ċiv. **13.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Manche' noe vs Montebello*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.56**)
[19] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **7.12.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Saliba vs Iles*** (Kollez. Vol: **XL.i.399**) u App. Ċiv. **11.12.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Galea*** (Kollez. Vol: **XLIII.i.456**) u s-sentenzi hemm imsemmija
[20] App. Inf. **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Direttur tas-Sigurta' Soċjali vs Shannon Cauchi***

li kellu quddiemu kienu tali li jonqsu mir-raġonevolezza jew saħansitra r-riżultat ta' fehma parzjali. Għalhekk, id-deċiżjoni li wasal għaliha tidher li kienet konsegwenza loġika ta' dawk il-konsiderazzjonijiet;

Illi l-Qorti ma tistax f'dan il-waqt ma tqisx li, għalkemm il-mottiv li għalih l-appellanti setgħet laqgħet lil Frank Żammit f'darha ma għandux rilevanza għall-finijiet tal-Att fid-deċiżjoni milħuqa mid-Direttur appellat, m'għandux b'dan jinftiehem li min iħenn għal ħaddieħor qisu daqslikieku wettaq għamil li tiegħu l-liġi tikkastigah. Il-Qorti tassew tissimpatiżża mal-appellanti jekk il-motiv waħdieni li tilqa' lil Żammit għandha kien tassew imqanqal mill-ħniena lejh biex ma jispiċċax jiġri fit-toroq mingħajr saqaf fuq rasu. Imma min ħdan il-liġi innifisha huwa mogħti rimedju lill-appellanti,u dan billi, jekk iċ-ċirkostanzi jinbidlu, hemm il-probabilta' kbira li d-deċiżjoni tad-Direttur dwarha tiġi riveduta kif jipprovdi l-artikolu 110 tal-Att;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** ta' Pauline Manche' bħala mhux mistħoqq fid-dritt, u b'hekk tikkonferma d-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru fit-23 ta' Marzu, 2001; u

**Tordna** li, minħabba ċ-ċirkostanzi umanitarji u partikolari tal-każ li din il-Qorti irriferiet għalihom aktar 'il fuq, l-ispejjeż ta' dan l-appell jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------